**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Gunju 2019**

**Talba Nru: 495/18 CZ**

**Pro Log Team Limited (C-77488)**

**vs.**

**Prime Aluminium Limited (C-72869)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-16 t'Ottubru 2018 fejn premettiet:

Illi l-esponenti hija kreditrici tal-intimata fis-somma ta' tlett'elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro (€3,658) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' freighting u/jew ta' trasport u servizzi ohra moghtija mill-esponenti u VAT.

Illi minkejja li l-intimata giet interpellata biex thallas, baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex ihallsu s-somma ta' tlett'elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro (€3,658) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' freighting u/jew ta' trasport u servizzi ohra moghtija mill-esponenti u l-VAT relattiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-

socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro (€3,658) bl-imghaxijiet legali mill-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur